V

(Atti adottati mill-1 ta' Diċembru 2009 taħt it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u t-Trattat Euratom)

ATTI LI L-PUBBLIKAZZJONI TAGĦHOM HIJA OBBLIGATORJA

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 1251/2009

tat-18 ta' Diċembru 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1911/2006 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' soluzzjonijiet ta' urea u ta' nitrat tal-ammonju li joriġinaw, *inter alia*, mir-Russja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea [1] ("ir-Regolament bażiku"), u b' mod partikolari l-Artikoli 9(4) u 11(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mressqa mill-Kummissjoni wara li kkonsulta mal-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. IL-PROĊEDURA PREĊEDENTI

(1) Permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1995/2000 [2], il-Kunsill impona dazju definittiv tal-anti-dumping fuq l-importazzjonijiet ta' soluzzjonijiet ta' urea u nitrat tal-ammonju ("UAN") li joriġinaw, inter alia, mir-Russja. Dak ir-Regolament minn issa 'l quddiem se jissejjaħ "ir-Regolament oriġinali" u l-investigazzjoni li wasslet biex jiġu imposti l-miżuri mir-Regolament oriġinali minn issa 'l quddiem se tissejjaħ "l-investigazzjoni oriġinali".

(2) Wara reviżjoni tal-iskadenza li ngħatat bidu f'Settembru 2005 ("ir-reviżjoni tal-iskadenza"), il-Kunsill, permezz tar-Regolament (KE) Nru 1911/2006 [3], ġedded għal ħames snin dawn il-miżuri fil-livell attwali tagħhom. Il-miżuri jikkonsistu f'dazji speċifiċi.

B. IL-PROĊEDURA PREŻENTI

1. *IT-TALBA GĦAL REVIŻJONI*

(3) Tressqet talba għal reviżjoni ta' esportatur ġdid ("ir-reviżjoni preżenti") skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku mill-Joint Stock Company Acron ("l-applikant"), produttur esportatur fir-Russja. It-talba kienet limitata fl-ambitu għal dumping sa fejn għandu x'jaqsam l-applikant.

(4) L-applikant allega li ma esportax UAN lejn l-Unjoni matul il-perjodu tal-investigazzjoni li fuqu kienu ssejsu l-miżuri anti-dumping, jiġifieri l-perjodu mill-1 ta' Ġunju 1998 sal-31 ta' Mejju 1999 (il-"perjodu tal-investigazzjoni oriġinali") u li ma huwa relatat ma' ebda wieħed mill-produtturi esportaturi ta' UAN li huma suġġetti għall-miżuri anti-dumping imsemmija hawn fuq. L-applikant allega wkoll li beda jesporta UAN lejn l-Unjoni wara t-tmiem tal-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali.

2. *IL-BIDU TA' REVIŻJONI TA' "ESPORTATUR ĠDID"*

(5) Il-Kummissjoni eżaminat l-evidenza prima facie mressqa mill-applikant u qesitha biżżejjed biex tiġġustifika li jingħata bidu għal reviżjoni skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku. Wara konsultazzjoni mal-Kumitat Konsultattiv u wara li l-industrija tal-Unjoni kkonċernata ngħatat l-opportunità li tikkummenta, il-Kummissjoni, permezz tar-Regolament (KE) Nru 241/2009 [4], tat bidu għal reviżjoni tar-Regolament (KE) Nru 1911/2006 ("miżuri fis-seħħ") fir-rigward tal-applikant.

(6) Skont l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 241/2009, id-dazju anti-dumping ta' EUR 20.11/tunnellata impost mir-Regolament (KE) Nru 1911/2006 fuq l-importazzjonijiet ta' UAN manifatturati u mibjugħa għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni mill-applikant ġie revokat. Fl-istess waqt, skont l-Artikolu 14(5) tar-Regolament bażiku, l-awtoritajiet tad-dwana ġew ordnati li jieħdu l-passi neċessarji biex jirreġistraw dawn l-importazzjonijiet.

[1] ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1.
[2] ĠU L 238, 22.9.2000, p. 15.
[3] ĠU L 365, 21.12.2006, p. 26.
[4] ĠU L 75, 21.3.2009, p. 5.

3. *PRODOTT IKKONĊERNAT*

(7) Il-prodott ikkonċernat huwa l-istess bħal fl-investigazzjoni oriġinali, jiġifieri soluzzjoni ta' urea u ta' nitrat tal-ammonju, fertilizzant likwidu li jintuża spiss fl-agrikoltura, li joriġina fir-Russja ('il-prodott ikkonċernat'). Dan jikkonsisti f'taħlita ta' urea, nitrat tal-ammonju u ilma. Il-prodott ikkonċernat bħalissa għandu l-kodiċi NM 3102 80 00.

4. *PARTIJIET IKKONĊERNATI*

(8) Il-Kummissjoni għarrfet uffiċjalment lill-applikant, lir-rappreżentanti tal-pajjiż esportatur u lill-assoċjazzjoni tal-produtturi tal-Unjoni dwar il-bidu tar-reviżjoni. Il-partijiet interessati ngħataw l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu seduta fil-limitu taż-żmien stipulat fl-avviż ta' bidu. Il-partijiet interessati kollha li talbu dan, u li wrew li kien hemm raġunijiet partikolari għaliex għandhom jinstemgħu, ingħataw seduta.

(9) Il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarji lill-applikant u lill-kumpaniji relatati miegħu u rċeviet tweġibiet qabel l-iskadenza stabbilita għal dak il-għan. Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha li qieset meħtieġa għad-determinazzjoni tad-dumping. Il-Kummissjoni għamlet żjarat ta' verifika fuq il-post tal-applikant u l-kumpanija relatata:

— JSC Acron, Novgorod, ir-Russja;

— Agronova International Inc., Hallandale, l-Istati Uniti tal-Amerika ("Agronova").

5. *IL-PERJODU TAL-INVESTIGAZZJONI TAR-REVIŻJONI*

(10) Il-perjodu tal-investigazzjoni tar-reviżjoni ta' "esportatur ġdid" kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2008 sal-31 ta' Diċembru 2008 ("PIR").

C. **IR-RIŻULTATI TAL-INVESTIGAZZJONI**

1. *KWALIFIKA TA' "ESPORTATUR ĠDID"*

(11) L-investigazzjoni kkonfermat li l-applikant ma kienx esporta l-prodott ikkonċernat matul il-perjodu tal-investigazzjoni oriġinali u li beda jesporta lejn l-Unjoni wara dak il-perjodu.

(12) Barra minn hekk, l-applikant seta' juri li ma kien relatat ma ebda wieħed mill-esportaturi jew produtturi fir-Russja li huma soġġetti għall-miżuri anti-dumping fis-seħħ fuq importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina fir-Russja.

(13) F'dan il-kuntest, ġie kkonfermat li l-applikant għandu jiġi kkunsidrat bħala "esportatur ġdid" skont l-Artikolu 11(4) tar-Regolament bażiku.

2. *DUMPING*

2.1. DETERMINAZZJONI TAL-VALUR NORMALI

(14) L-applikant ma kellu ebda bejgħ domestiku fir-Russja tal-prodott ikkonċernat. Kull meta ma jistgħux jintużaw il-prezzijiet domestiċi biex ikun stabbilit il-valur normali, irid jiġi applikat metodu ieħor. Skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni, minflok, ikkalkulat valur normali kompost, kif ġej:

(15) Il-valur normali kien mibni fuq il-bażi tan-nefqa għall-manifattura mġarrba mill-applikant, flimkien ma ammont raġjonevoli għall-bejgħ u n-nefqa ġenerali u amministrattiva ("SG& A") u għall-profitti, skont l-Artikolu 2(3) u (6) tar-Regolament bażiku.

2.1.1. ***Aġġustament tal-ispejjeż tal-gass naturali fis-suq domestiku Russu***

(16) Dwar l-ispiża tal-manifattura, għandu jiġi enfasizzat li l-ispejjeż tal-gass jirrappreżentaw proporzjon ewlieni tal-ispiża tal-manifattura u proporzjon sinifikanti tal-ispiża totali tal-produzzjoni. Skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, ġie eżaminat jekk l-ispejjeż assoċjati mal-produzzjoni u mal-bejgħ tal-prodott ikkonċernat kinux riflessi b'mod raġjonevoli fir-reġistri tal-applikant.

(17) Ġie stabbilit li l-prezzijiet tal-gass domestiku mħallsa mill-applikant kienu baxxi iktar min-normal. Biex inkunu aktar preċiżi, ammontaw għal madwar 25 % u 20 % tal-prezz tal-esportazzjoni tal-gass naturali mir-Russja. F'dan ir-rigward, id-dejta kollha disponibbli tindika li l-prezzijiet domestiċi tal-gass fir-Russja kienu prezzijiet regolati, u li huma ferm inqas mill-prezzijiet tas-suq li tħallsu fis-swieq għall-gass naturali li mhumiex regolati. Billi l-ispejjeż tal-gass ma kinux riflessi raġonevolment fir-reġistri tal-applikant, kellhom jiġu aġġustati skont dan. Fin-nuqqas ta' prezzijiet tal-gass mingħajr distorsjoni marbuta mas-suq domestiku Russu, u skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, il-prezzijiet tal-gass kellhom jiġu stabbiliti fuq "kwalunkwe bażi raġonevoli oħra, inkluż informazzjoni minn swieq rappreżentattivi oħra".

(18) Il-prezz aġġustat kien ibbażat fuq il-prezz medju tal-gass Russu meta dan inbiegħ għall-esportazzjoni fuq il-fruntiera Ġermaniża/Ċeka ("Waidhaus"), wara li tħallsu l-ispejjeż tat-trasport u aġġustat biex jirrifletti l-ispiża tad-distribuzzjoni lokali. Waidhaus, li huwa ċ-ċentru ewlieni għall-bejgħ tal-gass Russu lill-Unjoni, u li huwa kemm l-ikbar suq għall-gass Russu kif ukoll għandu prezzijiet li jirriflettu l-ispejjeż b'mod raġonevoli, jista' jitqies bħala suq rappreżentattiv fit-tifsira tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku.

(19) Wara dan l-iżvelar, l-applikant ressaq diversi asserzjonijiet marbuta ma' (i) il-bażi legali tal-aġġustament tal-gass li sar fuq naħa waħda u (ii) il-metodoloġiji applikati għall-aġġustament tal-gass min-naħa l-oħra.

2.1.1.1. **Il-bażi legali tal-aġġustament tal-gass**

(20) L-applikant saħaq li kull aġġustament tal-prezz tal-gass imħallas fis-suq domestiku Russu ma kienx iġġustifikat billi r-reġistri tal-kontabilità tiegħu kienu jirriflettu bis-sħiħ l-ispejjeż marbuta mal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat fir-Russja. L-applikant allega wkoll li skont l-Artikolu 1 tar-Regolament bażiku, il-valur normali għandu dejjem jiġi stabbilit fir-rigward tal-pajjiż esportatur u li konsegwentement jekk wieħed jibbaża s-sejbiet fuq informazzjoni minn pajjiżi terzi, dan ikun qed imur kontra dak l-artikolu.

(21) Fir-rigward tal-argument tal-applikant dwar il-ksur allegat tal-Artikolu 1 tar-Regolament bażiku, ta' min jinnota li l-Artikolu 1 jiddeskrivi biss il-kunċett ġenerali tad-dumping iżda r-regoli dettaljati dwar l-istabbiliment tad-dumping huma stiputali fl-Artikolu 2 tar-Regolament bażiku. L-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku jipprovdi għall-possibbiltà li tintuża dejta minn swieq rappreżentattivi oħra inkluż pajjiż terz jekk l-ispejjeż marbuta mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott li qed jiġi investigat ma jkunux riflessi raġonevolment fir-reġistri tal-parti kkonċernata. L-argument tal-applikant f'dan ir-rigward kellu għalhekk jiġi miċħud.

(22) L-applikant invoka wkoll l-eżistenza ta' vantaġġi kompetittivi naturali fir-Russja bħad-disponibilità kbira tal-gass naturali u l-kundizzjonijiet favorevoli tal-provvista li jispjegaw id-differenza fil-prezz bejn il-gass naturali mibjugħ domestikament u dak esportat. L-applikant allega wkoll li l-prezzijiet tal-gass domestiku Russu jkopru l-ispejjeż.

(23) Fir-rigward tal-eżistenza ta' vantaġġi naturali, l-applikant ma indirizzax il-fatt li l-prezzijiet domestiċi tal-gass naturali kienu regolati fir-Russja u għalhekk ma jistgħux jitqiesu li jirriflettu raġonevolment prezz li normalment jitħallas fi swieq mhux regolati. L-applikant lanqas ma ppreżenta evidenza b'appoġġ għal dawn l-asserzjonijiet. Barra minn hekk, fir-rigward tal-ispejjeż, anki jekk il-prezzijiet tal-gass imħallsa mill-applikant ikopru l-ispejjeż unitarji tal-produzzjoni u l-bejgħ tal-gass imġarrba mill-fornitur, dan l-argument mhuwiex relevanti billi l-prezz tas-suq tal-gass mhux neċessarjament marbut mal-ispejjeż tal-produzzjoni u l-bejgħ tiegħu. Għalhekk, dawn l-asserzjonijiet kellhom jiġu miċħuda.

(24) L-applikant saħaq ukoll li investigazzjoni skont ir-Regolament bażiku ma għandhiex tkopri l-każ ta' sussidjar ta' prodotti fl-istadji avvanzati tal-produzzjoni. Ta' min jinnota li l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku għandu l-għan li jiddetermina jekk l-ispejjeż marbuta mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott simili humiex riflessi raġonevolment fir-reġistri tal-prodott ikkonċernat. Dan ma nstabx li kien il-każ għar-raġunijiet stipulati fil-premessa (17). Dan huwa differenti mid-determinazzjoni tal-eżistenza tas-sussidji li ma kinitx soġġetta għall-investigazzjoni preżenti. L-argument tal-applikant kellu għalhekk jiġi miċħud.

(25) F'dan il-kuntest, l-applikant argumenta wkoll li anki jekk jeżistu sitwazzjonijiet partikolari tas-suq skont it-tifsira tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament bażiku, dawn jirreferu biss għas-suq tal-prodott ikkonċernat, jiġifieri UAN hekk kif inhu, u ma jistgħux jiġu estiżi għall-kundizzjonijiet tas-suq tal-prodott fl-istadji avvanzati tal-produzzjoni. Madankollu, kif jirriżulta mill-premessa (24) hawn fuq, l-aġġustament għall-prezzijiet tal-gass naturali sar fuq il-bażi tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku li, kif imsemmi fuq fil-premessa (21), espliċitament jintitola l-Istituzzjonijiet li jużaw l-ispiża ta' produzzjoni minn suq rappreżentattiv ieħor. L-argument tal-applikant kellu għalhekk jiġi miċħud.

(26) L-applikant finalment argumenta li l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku huwa limitat għall-eżami tal-konformità tar-reġistri tal-kumpanija mal-prinċipji tal-kontabilità li huma ġeneralment aċċettati tal-pajjiż terz ikkonċernat u ma jirrikjedix li l-ispejjeż ikunu konformi mal-ispejjeż fi swieq mhux regolati.

(27) Ta' min jinnota li, skont l-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, jeħtieġ li jiġu sodisfatti żewġ rekwiżiti sabiex l-ispejjeż ikunu jistgħu jiġu kkalkulati fuq il-bażi tar-reġistri miżmuma mill-esportatur: (i) ir-reġistri għandhom jinżammu skont il-prinċipji tal-kontabilità ġeneralment aċċettati ("GAAP" - generally accepted accounting principles) tal-pajjiż ikkonċernat u (ii) ir-reġistri għandhom jirriflettu raġonevolment l-ispejjeż marbuta mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-prodott ikkonċernat. Jekk, bħal fil-każ preżenti, it-tieni rekwiżit ma jkunx sodisfatt għax l-ispejjeż mhumiex riflessi fir-reġistri, l-ispejjeż iridu jiġu aġġustati. L-argument tal-applikant kellu għalhekk jiġi miċħud.

2.1.1.2. **Il-metodoloġija applikata għall-aġġustament tal-gass**

(28) L-applikant saħaq li matul il-PIR tal-investigazzjoni preżenti, il-prezzijiet tal-gass kienu fi fluss sinifikanti u li l-valur normali għandu jiġi stabbilit kull xahar (jew għallinqas kull tliet xhur) minflok kull sena.

(29) Ta' min jinnota li għalkemm il-prezzijiet tal-gass varjaw matul il-PIR, dawn il-varjazzjonijiet ma tqisux li kien eċċezzjonali jew partikolarment sinifikanti. Tabilħaqq, is-suq tal-gass naturali ġeneralment huwa kkaratterizzat minn varjazzjonijiet pjuttost importanti tal-prezz. L-applikant ma setax juri li kien hemm xi ċirkostanzi speċifiċi u li l-varjazzjonijiet fil-prezz matul il-PIR kienu b'mod sinifikanti iktar mill-varjazzjonijiet tas-soltu. Għalhekk, ma kienx hemm raġuni biex issir devjazzjoni mill-metodoloġija użata fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri fis-seħħ. It-tieni, l-informazzjoni li fuq il-bażi tagħha – skont l-applikant – kellhom jiġu stabbiliti l-valuri normali kienet disponibbli biss parzjalment, billi l-informazzjoni meħtieġa minn għand il-kumpaniji tal-Istati Uniti, jiġifieri SG&A u l-profitt kienet disponibbli biss fuq bażi annwali. Għaldaqstant, anki jekk wieħed isegwi l-argument tal-applikant, ma setax isir kalkolu sinifikanti tal-valuri kull xahar jew kull tliet xhur. L-argument tal-applikant kellu għalhekk jiġi miċħud.

(30) L-applikant saħaq ukoll li Waidhaus mhuwiex suq ta' referenza xieraq minħabba l-prezzijiet tal-gass li allegatament mhumiex kompetittivi fil-Ġermanja u r-relazzjonijiet bejn il-partijiet, liema fattur huwa marbut mal-formoli tal-prezz fil-kuntratti tal-esportazzjoni tal-gass mir-Russja.

(31) Ta' min jinnota li l-prezzijiet tal-gass domestiċi mhux kompetittivi fil-Ġermanja kienu fi kwalunkwe każ meqjusa irrelevanti billi dan jikkonċerna biss il-prezzijiet li d-distributuri tal-gass Ġermaniżi jbiegħu l-gass fis-suq domestiku u, għalhekk, dan mhuwiex marbut mal-prezz li bih il-gass esportat Russu jinbiegħ f'Waidhaus. L-argument tal-applikant li r-responsabbli Ġermaniżi ma jkollhomx inċentiv biex jinnegozjaw prezzijiet orħos għall-gass importat Russu f'Waidhaus huwa biss suppożizzjoni mingħajr sfond fattwali u evidenza. Konsegwentement, dawn l-argumenti ma ġewx aċċettati.

(32) L-applikant argument wkoll li, li kieku kellu jintuża l-prezz tal-esportazzjoni f'Waidhaus, id-dazju Russju tal-esportazzjoni li għandu jitħallas fuq l-esportazzjonijiet kollha kellu jitnaqqas mill-prezz ta' Waidhaus billi ma kienx iġġarrab domestikament.

(33) Tabilħaqq, il-prezz tas-suq f'Waidhaus, li tqies bħala suq rappreżentattiv skont it-tifsira tal-Artikolu 2(5) tar-Regolament bażiku, huwa l-prezz wara t-taxxi tal-esportazzjoni u mhux il-prezz qabel dawn it-taxxi. Mill-perspettiva tax-xerrej, huwa l-prezz li għandu jħallas f'Waidhaus li huwa relevanti, u f'dan ir-rigward mhuwiex relevanti liema perċentwali ta' dak il-prezz tikkostitwixxi taxxa tal-esportazzjoni u liema perċentwali tħallset lill-fornitur tal-gass. Min-naħa l-oħra, dan tal-aħħar dejjem se jipprova jimmassimizza l-prezz tiegħu u għalhekk jitlob l-ogħla prezz li l-klijenti tiegħu lesti li jħallsu. Billi dan il-prezz dejjem ikun ogħla ferm mill-ispejjeż tal-produzzjoni, biex b'hekk il-fornitur tal-gass jagħmel il-qligħ, il-prezz tas-suq ma jiġix influwenzat primarjament mill-ammont ta' taxxa tal-esportazzjoni iżda mill-prezz li s-suq lest iħallas. Għalhekk, ġie konkluż li l-prezz li jinkludi t-taxxa tal-esportazzjoni, u mhux il-prezz qabel dik it-taxxa, huwa l-prezz normali kkontrollat mis-suq. Konsegwentement, l-argumenti tal-applikant f'dan ir-rigward ma ġewx aċċettati.

(34) F'dan il-kuntest, l-applikant saħaq ukoll li ż-żieda tad-distributur lokali ma għandhiex tiżdied mal-prezz tal-esportazzjoni f'Waidhaus, mingħajr, madankollu, ma spjega jew wera għaliex qies li l-aġġustament għad-distributur lokali ma kienx ikun xieraq. Tqies li billi l-konsumaturi domestiċi kienu qed jixtru l-gass mill-forniturи lokali, kellu jiġi assunt li kien ikollhom iħallsu l-ispejjeż tad-distribuzzjoni lokali li mhumiex inklużi bħala tali fil-prezz aġġustat ta' Waidhaus. Għaldaqstant, tqies li dan l-aġġustament kien tabilħaqq iġġustifikat u konsegwentement, l-argument tal-applikant ma ġiex aċċettat.

2.1.2. ***L-ispejjeż tal-bejgħ, ġenerali u amministrattivi ("spejjeż SG&A")***

(35) L-ispejjeż SG&A u l-qligħ ma setgħux jiġu stabbiliti fuq il-bażi tal-intestatura tal-ewwel sentenza tal-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku billi l-applikant ma kellux bejgħ domestiku tal-prodott simili fir-Russja. L-Artikolu 2(6)(a) tar-Regolament bażiku ma setax jiġi applikat, minħabba li l-applikant huwa soġġett għall-investigazzjoni. L-Artikolu 2(6)(b) ukoll ma kienx japplika, minħabba li għall-prodotti fl-istess kategorija ġenerali ta' prodotti, il-gass naturali huwa bl-istess mod l-aktar materja prima importanti u għalhekk l-ispejjeż tal-manifattura aktarx jeħtieġ jiġu aġġustati, għar-raġunijiet indikati fil-premessa (17) hawn fuq. Fil-qafas ta' din ir-reviżjoni, l-ebda informazzjoni ma kienet disponibbli sabiex tikkwantifika b'mod xieraq dan l-aġġustament u sabiex tistabbilixxi l-ispejjeż SG&A u l-marġini relevanti tal-profitt meta dawn il-prodotti jinbiegħu wara dan l-aġġustament. Għalhekk, l-SG&A u l-profitt ġew stabbiliti skont l-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku fuq il-bażi ta' metodu raġjonevoli.

(36) Peress li s-suq domestiku Russu tal-prodotti tal-istess kategorija ġenerali huwa żgħir ħafna, l-informazzjoni kellha tinkiseb minn swieq rappreżentattivi oħrajn. F'dan ir-rigward, tqieset l-informazzjoni li hija pubblikament disponibbli u li hija relatata mal-kumpaniji ewlenija li joperaw fis-settur tan-negozju tal-fertilizzanti tan-nitroġenu. Instab li d-dejta korrispondenti mill-produtturi tal-Amerika ta' Fuq (prinċipalment l-Istati Uniti tal-Amerika) tkun l-iktar xierqa għall-iskop tal-investigazzjoni, minħabba d-disponibilità kbira tal-informazzjoni finanzjarja pubblika affidabbli u kompluta minn kumpaniji elenkati f'dan ir-reġjun tad-dinja. Barra minn hekk, is-suq tal-Amerika ta' Fuq wera volum sinifikanti ta' bejgħ domestiku u livell konsiderevoli ta' kompetizzjoni kemm mill-kumpaniji domestiċi kif ukoll minn dawk barranin. Għalhekk, l-ispejjeż SG&A u l-profitt ġew stabbiliti fuq il-bażi tal-medja differenzjata tal-ispejjeż SG&A u l-profitt minn tliet produtturi tal-Amerika ta' Fuq, li nstabu li

kienu fost l-ikbar kumpaniji fis-settur tal-fertilizzanti, fir-rigward tal-bejgħ tagħhom fl-Amerika ta' Fuq tal-istess kategorija ġenerali ta' prodotti (il-fertilizzanti tan-nitroġenu). Dawn it-tliet produtturi tqiesu bħala rappreżentattivi tan-negozju tal-fertilizzanti tan-nitroġenu u l-ispejjeż SG&A u l-profitt tagħhom bħala rappreżentattivi tal-istess tip ta' spejjeż li normalment isiru minn kumpaniji li jaħdmu b'suċċess f'dan is-settur ta' negozju. Barra minn hekk, m'hemm l-ebda indikazzjoni li tissuġġerixxi li l-ammont għall-profitt li kien stabbilit b'dan il-mod jaqbeż il-profitt li normalment jagħmlu l-produtturi Russi fuq il-bejgħ tal-prodotti tal-istess kategorija ġenerali fis-suq domestiku tagħhom.

(37) Wara l-iżvelar, l-applikant ikkontesta l-metodoloġija deskritta hawn fuq billi saħaq li l-marġni tal-profitt użat kien għoli wisq u b'mod mhux raġonevoli, speċjalment f'paragun mal-marġni ta' profitt użat f'investigazzjonijiet preċedenti tal-anti-dumping li kienu jikkonċernaw l-istess prodott. L-applikant saħaq li s-sena 2008 li fuq il-bażi tagħha ġew stabbiliti l-ispejjeż SG&A u l-profitti, kienet eċċezzjonali fis-suq tal-Istati Uniti billi l-prezzijiet tal-gass kienu qed ivarjaw ħafna u l-prezzijiet tal-fertilizzant kienu eċċezzjonalment għolja u dan wassal għal rati ta' profitt eċċezzjonalment għolja għall-produtturi tal-Istati Uniti.

(38) B'mod ġenerali, ir-reviżjoni preżenti kkonfermat li ma kienx hemm ċirkostanzi mibdula, skont it-tifsira tal-Artikolu 11(9) tar-Regolament bażiku, li kienu jiġġustifikaw devjazzjoni mill-metodoloġija użata fl-investigazzjoni li wasslet għall-miżuri fis-seħħ. L-ewwel nett, instab li l-marġnijiet tal-profitti li nkisbu mill-istess produtturi tal-Istati Uniti qabel l-2008, kienu l-istess bħall-marġnijiet ta' profitti li nkisbu fl-2008. It-tieni, anki jekk il-livelli tal-profitti fl-2008 kien differenti minn dawk fis-snin ta' qabel, dan huwa normali għal ekonomija tas-suq fejn l-ispejjeż, il-prezzijiet u l-profitti jinbidlu maż-żmien. It-tielet, is-suq tal-gass naturali huwa ġenerlment ikklassifikat bħala volatili. Tqabbil tal-livelli tal-prezzijiet tal-gass fis-swieq tal-Istati Uniti u f'Waidhaus fl-2008 u s-snin ta' qabel ma weriex xejriet diverġenti li kienu jirriżultaw fi profitti eċċezzjonalment għolja fis-suq tal-Istati Uniti. Fiddawl ta' dan ta' hawn fuq, tqies li ma kienx hemm raġunijiet biex wieħed jiddevja mill-metodoloġija deskritta fuq il-premesssa (36).

(39) Barra minn hekk, l-applikant allega li t-test tal-Artikolu 2(6)(c) dwar ir-raġonevolezza tal-marġni ta' profitti użat ma kienx applikat billi l-marġni tal-profitti kien ikbar mill-profitti li normalment ikollhom esportaturi jew produtturi oħra fuq prodotti tal-istess kategorija ġenerali fis-suq domestifku tal-pajjiż tal-oriġini skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku.

(40) L-applikant ma tax evidenza b'appoġġ għal din l-asserzjoni. Billi r-reviżjoni preżenti kienet limitata għad-determinazzjoni tad-dumping fir-rigward tal-applikant, ma kinitx disponibbli informazzjoni dwar produtturi oħra fir-Russja. Filwaqt li ġie rrimarkat li l-ispejjeż tal-gass imġarrba mill-applikant kellhom jiġu rifjutati għar-raġunijiet imsemmija fuq, ir-rata ta' profittabbiltà li rrapporta l-applikant stess fil-livell tal-kumpanija għall-prodotti mibjugħa fis-suq domestiku, wara l-korrezzjonijiet għal qligħ u telf straordinarju minn attivitajiet finanzjarji, hija daqs ir-rata ta' profittabbiltà tal-produtturi tal-Istati Uniti. F'dawn iċ-ċirkostanzi, ma hemmx raġunijiet biex jitqies li l-marġni tal-profitti użat huwa ikbar mill-profitt li normalment ikollhom esportaturi jew produtturi oħra fuq prodotti tal-istess kategorija ġenerali fis-suq domestiku tal-pajjiż tal-oriġini skont it-tifsira tal-Artikolu 2(6)(c) tar-Regolament bażiku.

(41) L-industrija tal-Unjoni oġġezzjonat għall-approċċ ta' hawn fuq fir-rigward tad-determinazzjoni tal-ispejjeż SG&A u l-profitti u saħqet li l-SG&A tal-applikant stess kellu jintuża. Madankollu, l-Artikolu 2(6) tar-Regolament bażiku jistipula li l-ammonti għall-ispejjeż SG&A u l-profitti għandhom ikunu bbażati biss fuq id-dejta reali marbuta mal-produzzjoni u l-bejgħ tal-produttur ikkonċernat, meta dan il-bejgħ isir fl-andament normali tal-kummerċ. Kif deskritt hawn fuq fil-premessi (35) u (36), dan ma kienx il-każ billi l-applikant ma kellux bejgħ domestiku fir-Russja tal-prodott simili. Għalhekk, dan l-argument ma ġiex aċċettat.

2.2. IL-PREZZ TAL-ESPORTAZZJONI

(42) Il-prezz tal-esportazzjoni ġie stabbilit skont l-Artikolu 2(8) tar-Regolament bażiku, jiġifieri abbażi tal-prezz li tabilħaqq tħallas jew kien pagabbli għall-prodott meta mibjugħ għall-esportazzjoni mill-pajjiż esportatur lill-Unjoni.

2.3. IL-PARAGUN

(43) Il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni tqabblu mal-bażi tal-prezz ex-works. Bl-għan li jsir tqabbil ġust bejn il-valur normali u l-prezz tal-esportazzjoni, saru l-konċessjonijiet dovuti f'forma ta' aġġustamenti għal differenzi li jaffettwaw il-prezz u l-komparabbiltà tal-prezz skont l-Artikolu 2(10) tar-Regolament bażiku. Għaldaqstant, fejn kien applikabbli u bl-appoġġ ta' evidenza verifikata, saru aġġustamenti għad-differenzi fl-ispejjeż tat-trasport, tal-immaniġġjar, tat-tagħbija u spejjeż oħrajn anċillari, u għat-taxxi indiretti.

(44) Il-bejgħ tal-esportazzjoni tal-applikant matul il-PIR sar permezz ta' Agronova, il-kummerċjant relatat li jinsab fl-Istati Uniti. L-investigazzjoni wriet li l-funzjonijiet tal-kumpanija relatata huma ristretti biss għas-sejba tal-klijenti u n-negozjar ta' kuntratti tal-bejgħ. Il-verifika żvelat li l-kontijiet ta' Agronova ma jirriflettux bis-sħiħ it-totalità tal-operazzjonijet tagħha u kien hemm indikazzjonijiet li għalkemm ma tħallsux kummissjonijiet marbuta mat-tranżazzjonijiet lill-kumpanija, il-kumpens għall-attivitajiet tagħha ngħataw f'forom oħra. Għal dawn ir-raġunijiet, il-funzjonijiet ta' Agronova tqiesu li kienu simili għal dawk ta' aġent li jaħdem bil-kummissjoni. Il-prezz tal-esportazzjoni ġie għalhekk aġġustat b'kummissjoni nozzjonali li tikkorrispondi għaż-żieda normali ta' kummerċjant skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku.

(45) L-applikant saħaq li l-prezz tal-esportazzjoni ma kellux jiġi aġġustat b'kummissjoni nozzjonali skont l-Artikolu 2(10)(i) tar-Regolament bażiku għall-bejgħ li għamel permezz tal-kumpanija relatata tiegħu fl-Istati Uniti billi din il-kumpanija allegatament wettqet funzjonijiet identiċi għal dawk ta' dipartiment tal-bejgħ tal-esportazzjoni integrat kompletament u għalhekk ma għandux jiġi ttrattat bħala aġent li jaħdem bil-kummissjoni.

(46) Dan ma setax jiġi kkonfermat mill-investigazzjoni preżenti li żvelat li fir-rigward tal-funzjonijiet u l-mod li l-kumpanija relatata tiġi kkumpensata għall-attivitajiet tagħha mill-applikant, il-kumpanija relatata għandha pjuttost titqies bħala aġent li jaħdem bil-kummissjoni.

2.4. IL-MARĠNI TAD-DUMPING

(47) Il-marġni ta' dumping ġie stabbilit fuq il-bażi ta' tqabbil tal-medja differenzjata ta' valur normali medju differenzjat ma' prezz tal-esportazzjoni medju differenzjat, skont l-Artikolu 2(11) tar-Regolament bażiku.

(48) It-tqabbil wera marġni ta' dumping ta' 22,9 %, espress bħala perċentwali tal-prezz CIF fil-fruntiera tal-Komunità, bid-dazju mhux imħallas.

D. **IL-MIŻURI ANTI-DUMPING**

(49) Ta' min ifakkar li, skont l-Artikolu 9(4) tar-Regolament bażiku u kif deskritt fil-qosor fil-premessa (49) tar-Regolament (KE) Nru 1995/2000, id-dazju definittiv fl-investigazzjoni oriġinali ġie stabbilit fil-livell tal-marġini tal-ħsara li nstab, u li kien inqas mill-marġini tad-dumping minħabba li nstab li dazju inqas bħal dan kellu jkun adegwat għat-tneħħija tal-ħsara tal-industrija tal-Unjoni. Fid-dawl ta' dan li ntqal, id-dazju stabbilit f'din ir-reviżjoni ma għandux ikun ogħla mill-marġini tal-ħsara.

(50) L-ebda marġini tad-dumping ma jista' jiġi stabbilit f'din ir-reviżjoni parzjali interim, minħabba li hija limitata għall-eżami tad-dumping f'dak li għandu x'jaqsam mal-applikant. Għalhekk, il-marġini tad-dumping stabbilit fir-reviżjoni preżenti tqabbel mal-marġini tal-ħsara kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali. Billi dan tal-aħħar kien inqas mill-marġni tad-dumping li nstab fl-investigazzjoni preżenti, għandu jiġi impost dazju anti-dumping definittiv għall-applikant fil-livell tal-marġni tal-ħsara li nstab fl-investigazzjoni oriġinali.

(51) Fir-rigward tal-għamla tal-miżura, tqies li d-dazju anti-dumping emendat għandu jkun l-istess bħad-dazji imposti mir-Regolament (KE) Nru 1995/2000. Biex tiġi żgurata l-effiċjenza tal-miżuri u biex tiġi skoraġġata l-manipulazzjoni tal-prezzijiet, kien jixraq li d-dazji jiġu imposti f'forma ta' ammont speċifiku għal kull tunnellata. B'riżultat ta' dan, id-dazju anti-dumping li għandu jiġi impost fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat manifatturat u mibjugħ għall-esportazzjoni lill-Unjoni mill-applikant, ikkalkulat abbażi tal-marġni tal-ħsara kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali espress bħala ammont speċifiku kull tunnellata, għandu jkun EUR 20,11 kull tunnellata.

E. **IMPOŻIZZJONI RETROATTIVA**

(52) Fid-dawl tas-sejbiet ta' hawn fuq, id-dazju anti-dumping applikabbli għall-applikant għandu jiġi impost retroattivament mid-data tat-tnedija tar-reviżjoni fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat, li saru suġġetti għar-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 241/2009.

F. **ŻVELAR U TUL TA' ŻMIEN TAL-MIŻURI**

(53) L-applikant u l-partijiet ikkonċernati l-oħrajn ġew infurmati dwar il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li abbażi tagħhom kien hemm il-ħsieb li ssir impożizzjoni mill-ġdid ta' dazju definittiv anti-dumping fuq importazzjonijiet ta' UAN li joriġinaw, inter alia, mir-Russja u li jiġu manifatturati u mibjugħa għall-esportazzjoni lill-Unjoni mill-applikant u l-impożizzjoni retroattiva ta' dan id-dazju fuq l-importazzjonijiet li saru suġġetti għar-reġistrazzjoni. Il-partijiet kollha ngħataw l-opportunità li jikkummentaw.

(54) Din ir-reviżjoni ma taffettwax id-data li fiha l-miżuri imposti mir-Regolament (KE) Nru 1911/2006 jiskadu skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament bażiku.

G. **IMPENN**

(55) Wara l-iżvelar finali, l-applikant offra impenn skont l-Artikolu 8 tar-Regolament bażiku. L-applikant stqarr li l-offerta se tkun ibbażata fuq l-istennija raġonevoli li xi whud mill-asserzjonijiet tiegħu li għamel wara l-iżvelar finali jiġu aċċettati u jirriżultaw fi prezz tal-importazzjoni minimu adatt għall-applikant. Billi, madankollu, ebda wieħed mill-kummenti mqajma mill-applikant ma nstab li kien ġustifikat u billi l-applikant jidher li mhux interessat li joffri prezz minimu tal-importazzjoni bbażat fuq il-livell tal-eliminazzjoni tal-ħsara stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, kull analiżi dettaljata tal-offerta tal-impenn fir-rigward tal-aċċettazzjoni tagħha tqieset li mhux meħtieġa,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. It-tabella fl-Artikolu 1(2) tar-Regolament (KE) Nru 1911/2006 hija b'dan emendata billi jiżdied dan li ġej:

"'Pajjiż'	Kumpanija	Ammont ta' dazju (kull tunnellata)	Kodiċi addizjonali TARIC
Ir-Russja	Joint Stock Company Acron	EUR 20,11	A932"

2. Id-dazju impost b'dan għandhu jitħallas ukoll retroattivament fuq importazzjonijiet ta' taħlitiet ta' urea u nitrat tal-ammonju f'soluzzjoni fl-ilma jew l-ammonja li jkunu ġew irreġistrati skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 241/2009.

3. L-awtoritajiet doganali huma b'dan ordnati jieqfu mir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet ta' taħlitiet ta' urea u nitrat tal-ammonju f'soluzzjoni bl-ilma jew l-ammonja li joriġinaw fir-Russja u li huma manifatturati u mibjugħa għall-esportazzjoni fl-Unjoni minn Joint Stock Company Acron.

4. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ li jikkonċernaw id-dazji tad-dwana.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-ġurnata ta' wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta' Diċembru 2009.

Għall-Kunsill
Il-President
Å. TORSTENSSON